MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Numru 623/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**versus**

**Anthony Desira**
**Manweli Camilleri**
**John Ivan Giardina**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra:

Anthony Desira ta' 54 sena iben Annunziato u Maria nee' Fenech, imwieled iż-Żejtun fid-9 ta' Diċembru 1950 u joqgħod Sant'Anna, Triq id-Daħla ta' San Tumas,

Marsakala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 44851 (M);

Manweli Camilleri ta’ 51 sena iben Ġanni u Ċikka nee’ Gatt imwieled iż-Żejtun fit-3 ta’ Jannar 1945 u joqgħod fl-indirizz numru 6 Triq Marsaxlokk, iż-Żejtun numru tal-karta ta’ l-identita’ numru 64945 (M);

John Ivan Giardina ta’ 35 sena iben Joseph u l-mejta Catherine nee’ Cutajar imwieled tal-Pieta’ fis-7 t’Awissu 1968 u joqgħod fl-indirizz 33 Giardina House, Triq San Pietru iż- Żejtun u li għandu l-karta ta’ l-identita’ bin-numru 317368 (M)

Akkużati talli:

Fil-bajja ta’ San Tumas limiti ta’ Wied il-Għajn nhar il-Ħadd l-1 ta’ Awissu 2004 għall-ħabta ta’ xis-6.00pm

(a) Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli meta għamlu diversi ħsarat fil-Morning Star Bar and Restaurant għad-dannu tas-sid ta’ l-istess ħanut, Francis Deguara, liema ħsara tammonta għal madwar Lm1000.
(b) Ħebbew għal xulxin u kkawżaw diversi feriti ħfief lil xulin;
(c) Waddbu ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin fid-direzzjoni ta’ l-imsemmi ħanut tax-xorb
(d) Kisru volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
(e) Qalu kliem jew espressjonijiet ta’ dagħa.

Il-Qorti intalbet ukoll sabiex jekk jidrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta ta’ sid il-ħanut tax-xorb, l-imsemmi Francis Deguara jew sabiex jinżamm il-buon ordni pubbliku u għal hekk intalbet torbot lill-istess Anthony Desira, Manweli Camilleri u John Ivan Giardina b’obbligazzjoni tagħhom infushom taħt penali ta’ somma ta’ flus tiġi ffissata mill-Qorti.

Rigward John Ivan Giardina, il-prosekuzzjoni żiedet bl-awtorita’ tal-Qorti imputazzjoni oħra:

(a) Li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza li saret definittiva fit-2 ta' Lulju 2004 (Magt Dr. Jacqueline Padovani Grima)

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi t-twegibiet ta' l-imputat li ma kienux ħatja (fol 5, 6 u 7 kif wkoll a fol 17, 18 u 19); id-dokumenti ppreżentati mill-ispettur Anthony Cassar (fol 15); id-dikjarazzjoni tad-difiża kolleġġjalment li kienu qed jeżentaw mill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda tagħha relatati mal-volontarjeta o meno ta' l-istqarrija ta' l-imputati kif wkoll id-dikjarazzjoni mill-avukat difensur ta' John Ivan Giardina li l-prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn ttella' lit-tabib mediku Dr. X Rossi sabiex jixhed dwar id-dokument AC7; iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Manweli Camilleri li jġib in-numru 649 tas-sena 1945; iċ-ċertifikat tat-twelid ta' John Giardina li jġib in-numru 3173 tas-sena 1968; iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Anthony Desira li jġib in-numru 448 tas-sena 1951; il-fedina penali ta' Emanuel Camilleri a fol 23 et; dik ta' Anthony Desira li tidher a fol 29 et u dik ta' John Ivan Giardina li tidher a fol 33 et; iċ-ċertifikat ffirmat minn Dr. Rossi dwar il-ġrieħi ta' John Giardina (fol 36); l-istqarrija ta' Anthony Desira a fol 37 u 38; l-istqarrija ta' Emanuel Camilleri a fol 39 u 40; l-istqarrija ta' John sive Ivan Giardina a fol 41 u 42 u 43; is-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Pulizija vs John k/a Ivan Giardina' fit-2 ta' Lulju 2004 a fol 80; is-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Emanuel Camilleri fl-10 ta' Diċembru 1995 a fol 84 et; l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a fol 119; id-dikjarazzjoni magħmula mit-tliet imputati a fol 118 li ma kellhom ebda oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jkunu sommarji u jinstemgħu minn din il-Qorti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Il-fatti skond l-Ispettur Anthony Cassar huma dawn.

Fl-1 ta' Awissu 2004 għall-ħabta tas-6.00pm, il-pulizija ta' Ħaż Żabbar kellha informazzjoni li kien hemm ġlieda fil-Morning Star Bar & Restaurant fil-Bajja ta' San Tumas ġewwa Wied il-Għajn. Meta waslet il-pulizija kien hemm folla quddiem il-ħanut. U il-pulizija ma setgħetx tidħol minħabba li kien hemm kullimkien mimli bil-gas tossiku.

Il-pulizija osservat lil ċertu John Ivan Giardina li kien jidher ferut u fi stat ta' paniku. Meta l-pulizija kellmet lil dan Giardina, dan qal li kien fil-bar Morning Star meta ċertu Anthony Desira magħruf bħala ċ-Ċentezmu miż-Żejtun kif wkoll Emanuel Camilleri magħruf bħala s-Saħħar kellhom argument bejniethom. L-istess Giardina qal illi Francis Deguara, il-barman tal-ħanut, waqt l-inċident spara cannester tal-gas. Dak il-ħin il-persuni kollha li kien hemm fil-ħanut ppanikkjaw u ppruvaw joħorġu mill-post. Biċċiet min-nies waqgħu ma' l-art minħabba li kienu belgħu ammont ta' gas tossiku u kellhom jkunu trattati fuq il-post.

Sakemm marru l-pulizija ħafna minn dawn in-nies kienu laħqu telqu. Giardina tah ħass ħazin u waqa' ma' l-art u kellu jittiehed l-isptar b'ambulanza.

Meta l-pulizija marret l-isptar rat lil Anthony Desira, wieħed mill-imputat, qed ikun trattat minħabba xi feriti li kellu f'idejh fejn anke kellhom isirulu xi suturi f'idejh. Giardina kien medikat l-isptar fejn instab li kellu xi feriti ħfief kif wkoll kien medikat t-tifel tiegħu ta' 13-il sena li kien miegħu fuq il-post minn Dr Torpiano.

Saret indaġni ma ċertu Helen Degiorgio ta' 17-il sena li kienet fil-ħanut dak il-hin. Din qalet li kienet qed tagħti daqqa t'id fil-kċina tal-ħanut. Hija kienet semgħet twerzieq u għajjat u imbgħad rat ħafna nies jiġġieldu flimkien u xammet sustanza irritanti. Din ma setgħetx tgħaraf min kien involut fil-ġlieda.

L-istqarrija ta' John sive Ivan Giardina

Fl-istqarrija tiegħu magħmula fit-2 ta' Awissu 2004, John Ivan Giardina qal li hu kien fil-Morning Star Bar fl-1 ta' Awissu 2004 flimkien ma uliedu u ltaqa' ma żewgt iħbieb. Ħin minnhom sema' lil ċertu Leli Qierrieda miż-Żejtun jgħid li kien sab kartiera ma' l-art u din kienet taċ-Ċentezmu. Leli ta' l-kartiera liċ-Ċentezmu u dan qallu 'Xorta ma nafulekx bi pjaċir.' L-imputat ħaseb illi dawn kienu qed jiċċajtaw għax iċ-Ċentemu huwa bniedem ċajtier u meta ra li ser jitlewmu, qallhom biex joqgħodu kwieti. Iċ-Ċenteżmu qallu biex ma jindahalx. Dak il-ħin is-Saħħar offenda lil dan l-imputat u l-imputat ħassha ħafna dik il-kelma għaliex ftit qabel din l-istess persuna kienet ġabitlu flixkun Lager. Imbgħad kien miżmum minn Frans Deguara tal-ħanut biex ma jinqalgħux argumenti. Dak il-ħin Leli Camilleri s-Saħħar mar jigri fid-direzzjoni tiegħu b'xi ħaġa f'idu. Meta dan l-imputat ra hekk, ħareġ minn taht Frans biex jevita l-ġlied. Imbgħad ra daħna kbira li kienet tal-gas tad-dmugħ. L-imputat waqa' ma' l-art minħabba l-gas tad-dmugħ u kellu ħafna ħruq ma ġismu kollu. U spiċċa l-isptar. Dan l-imputat qal li s-Saħħar ma kienx laqtu lilu. Dan l-imputat ma kienx jaf min tefa' l-gas tad-dmugħ. Dan l-imputat kompla jgħid li kienu qamu għalih kemm ic-Ċenteżmu kif wkoll is-Saħħar. L-imputat qal li spiċċa b'qasma f'moħħu u ma kienx jaf kif għamilha. Jista' jkun li kien waqa' għal wiċċu. Huwa ċaħad li kien ħa sehem fit-tkissir.

L-istqarrija ta' Anthony Desira

Dan qal illi fl-1 ta' Awissu 2004 huwa kien mar il-Morning Star Bar fil-Bajja ta' San Tumas fejn ltaqa' ma Ivan Giardina, ma Leli magħruf bħala Qerrieda u wara gie wkoll Leli s-Saħħar. Dan l-imputat qal li ma kellux tilwim u lanqas argumenti. Fil-fatt hu qal li kien qiegħed barra mir-restaurant jiehu drink. Hemm sema' lil Frans Deguara jgħajjat 'Aqtgħuha.' Ma kienx jaf ma min qed jgħajjat għax hu kien barra ma ħbiebu. Il-gerha ta' idu l-leminija kienet kagun li dan waqa' fuq ħgiega. Kien Frans Deguara li qabad u tefa' l-gas tad-dmugħ għal kulħadd. Huwa caħad li hu, Giardina u s-Saħħar kellhom xi jgħidu bejniethom.

Anthony Desira qal li hu mar minn taht għax spicca b'7 punti f'idejh (fol 38).

L-istqarrija ta' Emanuel Camilleri

Dan qal li kien silef xi flus lil Frans Deguara tal-bar. Frans Deguara dejjem jgħidlu li ma għandux flus. Fl-aħħar qallu trid tagħtihomli sa' l-aħħar ta' Lulju u jahfirlu LM200 minnhom. Dak il-jum kien mar sabiex Frans Deguara jagħtih xi haga u tah LM50 biss. Pero ma kellux xi jgħid ma Frans Deguara fuq hekk. Hu qal li f'hin minnhom kien ra dahna bajda u ħass ħruq f'għajnejh. Kien wara li sar jaf li Frans tefa' xi gas tad-dmugħ fid-direzzjoni ta' fejn kienu huma. Mistoqsi jekk hux veru li hu, ic-Ċenteżmu u Giardina f'xi hin qabdu jiggieldu, Emanuel Camilleri caħad. Hu qal li anzi prova iferraq lil Giardina u lil Desira u dan kien għaliex Giardina ried jaqbad jagħti lil Ninu. Giardina kien offendieh. Ma kienx jaf kif wegga' Ninu u lanqas kif wegga' Ivan Giardina. Huwa kien mar it-tieni darba lejn il-Morning Star biex ifittex ic-curkett għax waqt li kien qed iferraq waqgħalu curkett tad-deheb minn subgħajh. Mistoqsi jekk il-ħgieg tal-ħanut kienx kissru hu flimkien ma Giardina u mac-Ċenteżmu, dan l-imputat caħad (fol 40).

Fil-kontro ezami l-ispettur Cassar qal li lilu kien rrizultalu li dawn it-tlieta min-nies kienu għamlu ħsara volontarja fil-ħanut Morning Star. Huwa qal ukoll li kienu sabu l-cannester gas tad-dmugħ jew bicciet minnu. L-ispettur Anthony Cassar kompla jgħid li meta wasal hu fuq il-post kien hemm tracci tal-gas tad-dmugħ anke f'nofs it-triq għax hass ħruq f'għajnejh u kellu jerga idur lura. L-ispettur qal li Frans Deguara kien ammetta miegħu li kien uza il-gas tad-dmugħ wara li pprova jikkontrolla lil tlieta min-nies li kellhom argument u kienu qed jagħtu bejniethom.

Xhud iehor tal-prosekuzzjoni kien l-ispettur Anthony Agius. Dan kien mar il-Morning Star u kien nnota lil John Giardina li kellu xi feriti u xi demm ħiereg minn imnieħru.

Izda kien qed ibati minn qtugħ ta' nifs. Lill-ispettur kien qallu li kellu xi jgħid (fol 44). Fil-fatt qallu 'Iggilidna għax kellhom xi jgħidu' (fol 44). Ma tax iktar dettalji għaliex Giardina kien kwazi ser imut bla nifs.

Hdejn il-ħanut kien hemm dahna qawwija u l-ispettur ordna lil Frans Deguara johrog mill-ħanut għax kien hemm dahna kbira. Il-hgieg kien kollu imkisser u siggijiet maqlubin u osserva hemm lill-imputat Emanuel Camilleri li jafu bhala Leli s-Saħħar. Dan kien qiegħed bil-qegħda jixrob fuq il-parapett. Meta staqsa lil Leli Camilleri x'kien gara, dan ma kellmu xejn.

Min-naħa l-oħra Francis Deguara qallu li kienu ggieldu quddiem il-ħanut u li ma kellux triq oħra ħlief li jisprejja il-gas tad-dmugħ halli jitilqu 'l barra. Imbgħad dawn qabdu ikissru malli tefgħalhom il-gas tad-dmugħ. Frans Degaura kien semmielu li l-glieda saret bejn Giardina u c-Ċenteżmu u s-Saħħar. U qal li dawn kienu n-nies li għamlu ħsara fil-ħanut. Frans Deguara kien qal li l-gas kien tefgħu hu. Fil-fatt sabu sigill ta' skartocc ta' cartridge. Biss ma riedx jgħidlu fejn rema' il-flixkun, jigifieri il-cannester. Dan ix-xhud kompla jgħid li ma setgħux jersqu lejn ir-restaurant minħabba li kien hemm daħna qawwija tal-gas tad-dmugħ.

Huwa ra l-ħgieg kollu imkisser, kien hemm ħgieg 5 piedi b'ħamsa għoli. Gewwa kien hemm xi mwejjed u fliexken ma' l-art u kienet tidher li saret glieda tajba. It-tkissir li ra kien mill-bank 'l barra. Il-ħgieg tat-twieqi kien kollu imkisser u kien hemm xi 7 jew 8 panelli kbar. Wara kien qal illi Camilleri ma riedx jitlaq minn fuq il-post u fil-fatt kien għadu jixrob hemm hekk. It-tkissir tal-ħgieg jidher illi sar wara (fol 51) li kien intefa' l-gas tad-dmugħ.

Xehed Frans Deguara, il-barman tal-ħanut Morning Star. Dan qal li nqalgħet tilwima. Qal li kien qed jixorb ukoll Giardina u indika lil Anthony Desira u lil Leli li kunjomu ma kienx jafu. Bdew jillatikaw Anthony Desira u Emanuel Camilleri waqt illi Giardina beda jgħidilhom 'ħallu lill-barman jaqla' lira' (fol 55). Giardina pprova jikkalma s-sitwazzjoni.

Meta ħargu barra bdew jillatikaw Giardina u c-Ċenteżmu u dan ix-xhud kien qalilhom biex joqgħodu kwieti għax fil-ħanut kien hemm erbgħa min-nies. Dan ix-xhud kien qed jipprotegi lil Giardina. F'daqqa waħda minn warajh ra kaxxa gejja bil-fliexken u biex jiddefendi ruhu kellu jiftaħ xi haga. U wara sar ħafna tkissir. A fol 56 huwa qal li inksirtu xi 14-il hgiega mill-kbar u intefa' siggu għal fuq l-armatura ta' gewwa li kien fiha x-xorb. Ix-xorb inkiser ukoll. Huwa qal li l-ħsara titla' għal LM480.

Dan ix-xhud qal li huwa kien ra ikissru lil Desira u Emanuel li kunjomu ma kienx jafu. Il-Qorti hawn hekk ssuggerietlu s-Saħħar u x-xhud qal iva.

Il-qorti għamlet mistoqsija oħra 'Lil dawn it-tnejn rajt inti jagħmlu l-ħsara?' Ix-xhud wiegeb 'Iva.' Dawn bdew ikissru l-hgieg bis-siggijiet u bil-fliexken. Qabel sar it-tkissir bdew jillatikaw bejniethom Desira u Emanuel u ma kien hemm ħadd iktar involut fil-glied. Huwa ma ra lil ħadd ferut fil-post. Qabel ma nqala' l-inkwiet kien cempel xi 10 darbiet id-depot l-emergenza. Il-pulizija damu ma gew. Huwa ma kienx cempel l-għassa ta' Haz Zabbar. Ix-xhud Francis Deguara qal li kien hass il-ħtiega li jcempel 192 biex jikkwieta l-affari għalkemm dak il-hin ma kienx qed jara xi vjolenza. Huwa rieda jaqta' l-paroli minħabba li kienu xurbana. A fol 60 huwa qal illi x'hin qabdu l-kaxxa min warajh biex jitfugħha fuq Giardina, huwa fetah il-gas. Imbgħad bdew jitfgħu il-fliexken u kollox. Huwa kien tefa' l-gas 'l barra. L-istima kien għamilha dawk iz-zminijiet għax l-għada ma setax jiftah il-ħanut għax kellu kollox imkisser.

Huwa qal li t-tliet imputati kienu bil-wieqfa mal-bar jixorbu. U kkonferma li l-cannester tal-gas kien tefgħu barra.

Huwa kkonferma li Giardina pprova jikkalma s-sitwazzjoni kemm-il darba (fol 63). Giardina ma kien kisser xejn wkoll. Kien biss pprova jikkwieta l-affari. Lil Giardina u lanqas lil ħadd ma sema' jitkellem bil-konfuzjoni.

Xehdet wkoll Helen Degiorgio li qalet li dak inhar inqala' argument. Frans Deguara hareg 'l barra biex jikkalmahom. Hu qalilha hu hsieb il-ħanut. L-argument inqala' bejn Desira u Leli Camilleri li hi għarfet fl-awla. Francis Deguara hareg barra u imbgħad hi rat dahna kbira. U kienet marret wara l-ħanut għax hemm hekk ma tantx kien hemm foga. Hija kienet semgħet it-tkissir. Imma għajjat ma semgħetx. Quddiem il-ħanut rat il-hgieg imkisser (fol 69). It-twieqi u l-bibien u l-bar imkisser. Kulħadd kien telaq jigri 'l hemm b'dik il-foga.

Fil-kontro ezami hija qalet li waqt it-tkissir hija kienet qegħda wara l-ħanut. Lil Manweli kienet tagħtu bicca biex ixarrab naqra wiccu għax kellu għajnejh homor nar.

Hi qalet ukoll li sal-mument li hi harget 'l barra ma kienx hemm tkissir fil-ħanut.

Hi qalet ukoll li peress li dawn huma hbieb lanqas bdiet tagħti kas fuq xiex bdew jillatikaw għax bdew jieqfu u jerggħu jibdew. U imbgħad ħargu 'l barra. Kien hemm id-diski u hi mhix ser toqgħod tisma' x'inhuma jgħidu. Frans Deguara kien pprova jikkalmahom. Mistoqsija dwar jekk semgħetx xi dagħa jew kliem ħazin fuq il-post, ix-xhud qalet li jista jkun forsi ntqalet xi kelma ħazin pero ma tatx kaz min seta' qalha.

Xehed ukoll Emanuel Cassar illi qal li dak inhar beda jiccajta mac-Ċenteżmu jigifieri ma Anthony Desira (fol 87). Hareg Ivan Giardina magħhom u baqgħu jiccajtaw. Imbgħad Frans Deguara tal-ħanut qabad il-gas u tefgħu fl-art. U dan ix-xhud bela' l-gas, waqa' fuq il-mejda u faqagħha.

Dan ix-xhud qal ukoll li huwa kien ra lil Anthony Desira kollu demm bil-ħgieg u idu maqtugħa. U qabad u mar bih l-isptar. Ix-xhud stess għamlulu xi ftit ta' stick. Ix-xhud qal li l-ewwel kien hemm il-gas u imbgħad kien hemm l-argument. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienx ra lil xi ħadd jagħmel xi ħsarat, ix-xhud qal li hu kien telaq minn fuq il-post mill-ewwel. Huwa qal li ma ra ebda ħsarat fuq il-hgieg. Fil-kontro ezami, dan ix-xhud qal li lanqas ried

jemmen għala s-sid tal-ħanut kien tefa' l-gas. Il-gas kien intefa' propju quddiem dan ix-xhud u induna bih minhabba dak li hass gewwa halqu. Xi tliet ijiem wara kien staqsa lis-sid għala kien għamel hekk u dan kien wiegbu għax kien ahjar illi jagħmel hekk (fol 92). Il-griehi li sofra dan ix-xhud kien għax kien waqa' fuq il-mejda u mhux għax għamilhomlu ħaddiehor. Huwa kkonferma li kienu Giardina u t-tifel tiegħu li marru jagħtuh l-ewwel għajnuna. Dwar l-argument qal li dan kien bil-kliem biss.

Xehed Nevise Giardina, iben John sive Ivan Giardina li qal illi l-ewwel bdew jillatikaw u huma kienu vicin tagħhom. Missieru kien qalilhom jaqtgħuha xi hames darbiet u imbgħad hargu 'l barra u kien gie Anthony Desira u qal lil missieru biex ma jindahalx u qallu li ma kienx jibza' minnu. Missier Nevise rrisponda li lanqas hu ma kien jibza' minnu u imbgħad f'daqqa wahda hareg il-gas tad-dmugħ. Dan ix-xhud kien bela' l-gas tad-dmugħ u storda u ra lil missieru ma' l-art. X'gara wara ma kienx jaf għax sab ruhu l-isptar u l-pulizija kienu xarrbulu wiccu.

L-argument kien bejn Anthony Desira u Emanuel Cassar magħruf bhala l-Qerrieda. Ma kienx jaf jekk l-imputat l-iehor Emanuel Camilleri kienx wkoll involut. Dwar il-gas dan intefa fejn it-tieqa ta' barra (fol 100). Fil-kontro ezami huwa qal illi sakemm kienu fil-ħanut, missieru u l-oħrajn ma kienx hemm inkwiet u lanqas garar ta' kaxxi. Kien wara li bdew jillatikaw.

Xehed ukoll PC 186 Kristian Mintoff illi kien gibed 24 ritratt tal-post u tax-xena kif kien intalab mill-ispettur. Meta kien wasal fuq il-post ma kien hemm ħadd mill-imputati.

Jirrizultaw xi ħsarat bhala ma jidher fir-ritratt PC186KM118 u PC186KM119 u f'ħafna ritratti oħra jidher id-demm imxerred ma' l-art u xi fliexken imkissrin.

<u>Xhieda difiza</u>

Tela l-imputat Anthony Desira li qal li kienu qed jiehdu flixkun birra hu, Leli u Giardina. F'daqqa wahda sid il-

ħanut gie got-tieqa u tefa’ l-gas tad-dmugħ (fol 123). Hu kien waqa’ mal-hgiega u fetah idejh u għamel 7 punti għax hu kien storda bil-gas tad-dmugħ u sab ruhu l-isptar. Kien wasslu l-kugin tiegħu Leli.

Hu qal li personalment ma kien ggieled ma ħadd u ma kien qala’ ebda daqqa u lanqas kien għajjar lil xi ħadd. Għal mistoqsija mill-Qorti hu qal li ma kienx dahal fil-ħanut u lanqas waddab xi gebel, siggu jew xi haga iebsa (fol 124).

Fil-kontro ezami hu qal li ma kellu xi jgħid ma ħadd. Kellu diskors ma Giardina u ma Leli biss u mhux glied. Kien paroli tas-soltu. Huwa baqa’ jinsisti li ma kellu xi jgħid ma ħadd (fol 135). Huwa kien qata’ idejh wara li ntefa l-gas tad-dmugħ għax storda u waqa’ (fol 126). Huwa ma kellux xi jgħid ma Frans Deguara. Meta kien mistoqsi mill-prosekutur jekk jafx kemm kien hemm hgieg barra t-twieqi, hu qal li ma kien jaf xejn għax kien stordut u haduh l-isptar.

Meta ingibditlu l-attenzjoni mill-prosekuzzjoni li fil-post, kif jidher fir-ritatt esebit mill-imputat stess, hemm ħafna hgieg. Izda l-imputat baqa’ jinsisti li hu waqa’ mal-hgiega hekk kif intefa’ il-gas tad-dmugħ.

Il-prosekuzzjoni qaltlu li kien hemm iktar minn hgiega wahda imkissra u l-imputat qal li ma seta’ jgħid xejn għax ttiehed l-isptar. Baqa’ jinsisti li idejh inkisret mal-hgiega, faqqgħet u imbgħad haduh l-isptar. Hu qal ukoll li ma kellu xi jgħid ma ħadd, lanqas ma Emanuel Camilleri (fol 129).

Xehed l-imputat Emanuel Camilleri li qal li sid il-ħanut kellu jagħtih xi LM700 (fol 35). Kienu qegħdu li ser jagħtih LM50 fix-xahar. Dak inhar mar biex jagħtih Lm50.

L-imputat kien baqa’ hemm biex jiehu il-LM50 u forsi jonfoq LM20 minnhom. Għal mistoqsija tal-Qorti huwa qal li kien xorob xi tuzzana birra (fol 136).

Imbgħad bdew jiccajtaw u qal li huma bdew jagħtu u hu ferraqhom. Huma kienu bil-wieqfa jimbuttaw lil xulxin (fol 136).

Huwa qal li hass daqqa fuq għonqu u ra xi haga bajda. Bdew jaharquh għajnejh u l-istonku tiegħu. Waqta li kien miexi beda jaqa' gos-siggijiet. Imbgħad sab bicca imwarrba fejn ma setax jilhqu id-duhhan. Hares lejn idejh u induna li wiehed mic-crieket ma kienx hemm hekk. Qasam lejn il-ħanut bie ifittxu u sab ħafna tkissir. Huwa staqsa lil dik li kienet wara l-bar li jisimha Helen jekk kinitx sabet xi curkett. Din qaltlu li jekk issibu kienet tagħtihulu. Din Helen bdiet ixxarrablu wiccu u għonqu bl-ilma biex jgħaddilu l-ħruq u gabitlu flixkun birra. Imbgħad gew il-pulizija.

L-imputat esebixxa ritratt u wera li kienu qegħdin ħdejn il-mejda li qegħda bi swit hajt imbajjad isfar. Huma kienu barra u baqgħu jixorbu hemm hekk. Huwa la sema' storbju u lanqas tkissir. Huwa baqa' fil-fond biex ibahbah wiccu u ma kienx jaf x'sar minn shabu. Meta dahal lura fil-ħanut hu ra ħafna tkissir u Helen qaltlu biex joqgħod attent għax jista' iwegga' (fol 142).

Lil Helen ma kien staqsieha xejn fuq it-tkissir għax skond l-imputat 'ma giehx f'rasu.' (fol 143). Ix-xhud qal li ma kienx fis-sakra.

Il-Qorti staqsietu 'Lanqas bi 12 birra ma kont fis-sakra?' U r-risposta kienet 'Mhux bil-fors tixrob 12-il flixkun u tisker.'

Lil sid il-ħanut kien kellmu dak inhar stess u l-imputat qallu 'jiena naf li inti mhux ser tagħtini l-flus u jkunu imberkin u għall-erwieh.' (fol 146). Is-sid ma qallu xejn dwar it-tkissir.

L-avukat difensur qralu l-istqarrija li kien għamel u kkonfermaha quddiem il-Magistrat hlief għal punt wiehed li huwa qal li qala' daqqa fuq għonqu. Imbgħad kien hemm id-dahna u mar bahbah wiccu (fol 150).

Hu qal li ma kienx jaf min tefa' il-bott u kien qed jirreferi għall-bott meta semma d-daqqa fuq għonqu. Huwa baqa'

jinsisti li ma kienx jaf min għamel it-tkissir fuq il-hgieg. Lanqas ma kien jaf ta' min hu d-demm li kien hemm fl-art.

Xehed Leli Cassar li baqa' jinsisti li ma kien inqala' xejn u kien is-sid tal-ħanut li qala' l-inkwiet għax tefa' l-gas għal xejn. Qabel intefa' dan il-gas ma kien hemm glied xejn (fol 157). Huwa qal li hu u Anthony Desira kienu gewwa. U il-gas tad-dmugħ tefgħu sid il-ħanut. Dan ix-xhud wegga' b'xi hgieg minhabba li kien hemm mejda bit-tazzi. Kif iccaqlaq bela' n-nifs u kien ser jifga. Hawn wera farrett fuq idejh tan-naħa tal-lemin u qal li dan ma sarx għax xi ħadd kien wegggħu. Huwa kien wegga' għax waqa' fuq it-tazzi li kien hemm fuq il-mejda. Dak il-hin ma ra xejn jitkisser għax kien ser jifga. Id-demm li kien hemm fuq il-post kien tiegħu u tac-Ċenteżmu qal ix-xhud waqt il-kontro ezami. Huwa qal illi s-Sur Camilleri kien qiegħed hdejh gol-bar meta hu ra l-bott gej għal wiccu. Qal imbgħad hargu barra x'hin ha l-gas. Izda sal-bar ma ggieled ħadd u huma kienu jiccajtaw. Dwar l-imputat Giardina u qal li dan mar jigbor lilu u biex jgħin lill-iehor għax bdew izommuh tnejn min-nies. Kien jaf li dan is-Sur Giardina kien waqa' u hdejh kien hemm it-tifel tiegħu. Imbgħad għabba lill-iehor dan ix-xhud stess li kien kollu demm u telqu 'l hemm.

Xehed Mario Duca li qal li ma ra xejn isir. Kien ra l-foga u telaq 'l hemm. Ma kienx ra glied (fol 165). Huwa kien ra lill-imputati fuq il-post jiccajtaw u jiddiehqu. U ma kien ra assolutament xejn li kellu x'jaqsam ma tkissir ta' oggetti jew twaddib.

Xehed ukoll Carmelo Ciantar li kien fil-post ta' l-incident. Hu kien qiegħed bil-qegħda barra u miegħu kien hemm il-mara u t-tfal. U kien hemm l-imputat Giardina. Huwa jahseb li nqala' xi argument u ra dahna u gas tad-dmugħ. L-argument ma kienx semgħu għax it-tifla dak il-hin waqgħet minn gol-push chair. Id-dahna kienet gejja mill-ħanut. Dwar l-argument huwa qal li kien għadu niezel u ma kienx ilu ħafna fil-post. U ma rax argumenti. Meta hass il-gas tad-dmugħ, huwa kien fil-parapett. Huwa qal li l-imputati kienu hargu qabel ma ntefa' il-gas tad-dmugħ.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Li l-artikoli li bagħat l-Avukat Ġenerali huma 325, 221, 339(1)(d)(ċ), 338(dd), 338 (bb), 342, 533 u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

**L-ewwel imputazzjoni 325(1)(b) tal-Kap 9**

Li mill-imputazzjonijiet, l-aktar waħda serja hija l-ewwel waħda – dik li l-imputati wettqu ħsara volontarja fil-propjeta' ta' ħadd ieħor.

Il-Prosekuzzjoni tellgħet jixhed lill-Ispettur Anthony Agius li ra l-ħġieġ ta' barra (ara fol.490 kollu mkisser u li osserva lil Emanuel Camilleri bil-qegħda jixrob għall-kwiet u lil John Giradina li qal li kellhom xi jgħidu u kellu d-demm ħiereġ minn imnifsejh. (fol.44). Minn din ix-xhieda kif ukoll mir-ritratti esibiti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li kien hemm tassew ħsara fil-bar imsemmi.

Sid il-ħanut Frans Deguara ikkonferma din il-ħsara li kienet saret fuq 14-il ħġieġa mill-kbar u kien intefa' siġġu fqu l-armatura ta' ġewwa. (fol.56). L-istess xhud a fol.56 qal li Anthony Desira u Emanuel/Manweli Camilleri bdew jillitikaw waqt li John Giardina beda jgħidilhom biex jieqfu. Imbagħad sar ħafna tkissir li jammonta għal Lm480 li tagħhom kellu r-riċevuti għalkemm ma esibihomx.

**Dan ix-xhud qal li ra jkissru li Desira u lil Manweli Camilleri.. Irrisponda l-istess meta saritlu mistoqsija mill-Qorti. It-tkissir sar bis-siġġijiet u l-fliexken. Sid il-ħanut kien ċempel l-Emerġenza sabiex jiġu l-Pulizija u jikkalmaw is-sitwazzjoni.**

A fol.60 huwa spjega li huwa fetaħ il-gass barra t-tieqa hekk kif tnejn mill-imputati riedu jitfgħu kaxxa fuq Giardina. "Imbagħad bdew jitfgħu il-fliexken u kollox.' Din il-verżjoni rrepetiha a fol.61. Fix-xhieda tiegħu sid il-bar baqa' jinsisti li Girodiamina ipprova jikkwieta s-sitwazzjoni.

Mix-xhieda li tellgħet il-Prosekuzzjoni kien Frans Deguara biss li ta verżjoni ta' x'ġara fil-ħin ta' l-inċident. L-oħrajn min wasal wara li kienu seħħu l-inċidenti u għalhekk seta' biss jara min hemm ferut, min baqa' fil-ħanut, u t-tkissir li sar. Kien hemm min malli ntefa' l-gass mar fuq in-naħa ta' wara tal-Bar (Helen Degiorgio) u kien hemm min kien bil-familja u ma ra xejn ta' sustanza.

Min-naħa tagħhom l-imputati nnegaw kollox kif ġej:.

**Anthony Desira**: Fl-istqarrija: Innega li kellu xi jgħid ma' xi ħadd u f'xi ħin sema' lil sid il-ħanut jgħajjat 'Aqtgħuha, aqtgħuha!' Hu ma kienx jaf għalfejn intefa' l-gass tad-dmugħ.

Fuq il-pedana tax-xhieda: Huwa nnega li kellu xi jgħid ma' xi ħadd (fol.125); li huwa weġġa' u spiċċa b'seba' punti għax qata' jdejh mal-ħġieġa; u ma kellux xi jgħid ma' Emanuel Camilleri għax kien hemm biss diskors (fol.129).

**Emanuel Camilleri**: Fl-istqarrija: Stqarr li kiellu jieħu l-flus minn għand Frans Deguara. Ma kienx jaf li nqala' arguemtn u li f'daqqa waħda ra daħna; li hu kien ipprova jferraq; meta reġa' mar lura lejn il-ħanut kien ra l-ħġieġ imkisser iżda rasu kienet tuġgħu;

Fuq il-pedana tax-xhieda: qal li kien xorob xi tużżana birra, li kienu qed jimbuttaw lil xulxin (fol.136) u li mbagħad ħass daqqa u bdew jaħarquh għajnejh u ma ra xejn aktar.

**John sive Ivan Giordimaina:** Fl-Istqarrija: Li kien jaf lil Anthony Desira bħala ċajtier iżda nduna li dak il-ħin kien qed jitlewwem ma' Leli Qerrieda taż-Żejtun. Huwa kien talabhom joqogħdu bi kwiethom biex tal-ħanut jaqla' sold għax kien hemm in-nies. Manweli Camilleri, li kien għadu kif ġieblu birra, qallu biex ma jindaħalax u kellu jkun Frans Deguara biex żamm lil dan ix-xhud. (fol.42). F'daqqa waħda ra daħna kbira u spiċċa mweġġa'. Huwa ma kienx jaf il-gass tad-dmugħ min tefgħu.

Fuq il-pedana tax-xhieda: Leli Desira u Anthony Desira bdew jitħaddtu 'naqra mgħaġġlin'. Ix-xhud qalilhom biex jaqtgħuha u ħareġ 'il barra. Anthony Desira qallu biex darb'oħra ma jindaħalx. Ix-xhud qallu li hu ma kienx indaħal u kulma għamel ix-xhud kien biex ma jiġġildux. Anthony Desira reġa' mar għalih u f'daqqa waħda x-xhud ra l-gass tad-dmugħ. Lix-xhud kienu sejrin ituh daqqa ta' kaxxa għalkemm ma kienx jaf min.. Ix-xhud intilef minn sensih u spiċċa l-isptar. Huwa reġa' ġie f'sensih il-jum ta' wara. Hywa kkonferma li l-gass tad-dmugħ kien tefgħu Frans Deguara.

Il-Qorti rat lil kulħadd jixhed minn fuq il-pedana tax-xhieda u qegħda f'pożizzjoni li tirrisolvi l-konflitt fix-xhieda. Diġa' ntqal diversi drabi mill-Qrati tagħna li meta jkun hemm konflitt ta' xhieda, il-Qorti tista' tiddeċiedi liema waħda ta' min joqgħod fuqha.

Hawnhekk il-Qorti qed tara li x-xhieda veritjiera prinċipali hija dik ta' Francis Deguara u daik ta' John Ivan Giardina u mhux dik ta' l-imputati Anthony Desira u Emanuel Camilleri. Dak li qalu fl-istqarrija u li xehdu bil-ġurament Anthony Desira u Manweli (Emanuel) Camilleri mhux attendibbli. Dawn ix-xhieda ppruvaw jaħbu li kien hemm argument u ippruvaw jagħtu l-impressjoni li mhumiex ħatja tal-ħsarat li ġarrab il-ħanut billi enfasizzaw xi ġrieħi kienu ġarrbu. Il-fatt li wieħed ikun ġarrab ġrieħi ma jfissirx li hu ma kienx l-awtur tal-ħsara.. Waqt li kienu qed jixhdu l-Qorti setgħet tinnota wkoll li dak li kien ħiereġ minn fommhom ma kien qed jaqbel xejn ma mġibithom.

**Fuq kollox il-Qorti nnutat li Frans Deguara kien kategoriku ħafna dwar min tefa' l-fliexken u s-siġġijiet u għalhekk ikkaġuna l-ħsara. (Ara fol.57 li tgħid storja ċarissima ta' kif seħħew l-affarijiet).[1] Huwa semma lil Anthony Desira u Manweli Camilleri waqt li b'ebda mod ma daħħal lil Ivan John Giardina f'dak li kien seħħ.**

[1] Hawn ma japplikax l-artikolu 237 (accidental affray) li jinsab taħt it-Titoli 'Reati kontra l-Persuna'.

Dwar l-ammont tal-ħsara l-Qorti qed taċċetta l-ammont mogħti bil-ġurament minn sid il-ħanut għaliex l-estensjoni tal-ħsara hija sorretta kemm mir-ritratti kif ukoll minn dak li xehed l-Ispettur Agius. Għalhekk din tammonta għal Lm480 (€1118.40).

Għalhekk qed issib lill-imputati Anthony Desira u Manweli Camilleri ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9.

Il-Qorti qed tiddeċiedi wkoll li John Ivan Giardina ma kienx responsabbli tal-ħsara u għalhekk qed tilliberah minn din l-imputazzjoni.

**It-tieni Imputazzjoni. Artikolu 221 tal-Kap 9**

Din l-imputazzjoni hija dwar li l-imputati ħebbew għal xulxin u għamlu feriti ħfief. Fl-atti tal-proċess hemm ippreżentat ċertifikat wieħed – dak ta' John Giordimaina (a fol.36) u mkien ma kien hemm xi prova li l-imputati għamel xi ferita wieħed lill-ieħor. Il-provi jwasslu biss li tnejn mill-imputati kienu qed jillitikaw u għamlu l-ħsara fil-propjeta' kif deskitta minn Frans Deguara. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputati kollha minn din l-imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni (Artikolu 339(1)(d)(ċ)**

A tenur ta' dak li ntqal dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed issib lill-imputati Anthony Desira u Manweli Camilleri ħatja ta' din l-imputazzjoni b'dan pero' li din hija ssorbita fl-ewwel waħda a tenur ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 għaliex l-azzjonijiet emanaw mill-istess fatt. Iżda l-Qorti qed tillibera lil John Ivan Giordimaina mit-tielet imputazzjoni għax m'hemm ebda prova kontrih.

**Ir-raba' imputazzjoni 338(dd)**

Issib lil Anthony Desira u Manweli Camilleri ħatja ta' din l-imputazzjoni iżda din hija assorbita fl-ewwel waħda ai

termini ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Qed tillibera lil John Ivan Giordimania minnha minħabba nuqqas ta’ provi.

**Il-ħames imputazzjoni 338 (bb)**

Minħabba li m’hemmx provi li l-imputati jew xi ħadd minnhom dagħa qed tillibera lill-imputati kollha mill-imputazzjonijiet dedotti kontrihom.

**L-artikolu 28B**

Dan l-artikolu mhux applikabbli la għal Anthony Desira, la għal Manweli Camilleri u lanqas Ivan John Gatt. Ebda imputat ma kellu xi imputazzjoni li wettaq xi reat fi żmien meta sentenza sospiża kienet għadha għaddejja. Ħadd ma kellu xi imputazzjoni ta’ reċodova u l-imputazzjoni miżjuda kontra John Ivan Giardina hija dwar ksur ta’ kundizzjoni u għal din l-imputazzjoni kien japplika l-Kap 446 li l-Avukat Ġenerali ma semmiex.

**Ksur ta’ kundizzjoni mogħtija f’sentenza fil-konfront ta’ John Ivan Giordimaina**

Stante li l-Qorti qed tillibera lil dan l-imputat minn kull imputazzjoni, isegwi li m’għandux japplika l-artikolu 23(1) tal-Kap 446 li fuq kollox ma ngħatax mill-Avukat Ġenerali.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 325(1)(b), 221(3)(b), 339(1)(c), 338(dd), 338(bb), 342, 533, 28B tal-Kap 9 qed issib lill-imputati Anthony Desira u Manweli Camilleri ħatja ta’ l-ewwel, it-tielet u tar-raba’ imputazzjoni bit-tielet u r-raba’ imputazzjoni assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberahom mit-tieni u l-ħames imputazzjoni.**

**Qed tillibera lill-imputat John Ivan Giardina mill-imputazzjonijiet kollha.**

**Qed tikkundanna liż-żewġ imputati Anthony Desira u Manweli Camilleri għall-piena ta' priġunerija ta' tmien xhur li għandhom jibqgħu sospiżi għal sentejn u dan ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spjegat dan l-artikolu lil dawn l-imputati fi kliem sempliċi. Barra dan fi żmien sitt xhur huma jridu jħallsu €599.2 (mitejn u erbgħin lira Maltija) kull wieħed lil Frans Deguara u dan ai termini ta' l-artikolu 28H(1)(2) tal-Kap 9.**

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 minħabba li ma nħatru ebda esperti matul il-proċeduri.

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------